# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t’Inibizzjoni Nru **1632/2021 (AD)**

## CHLORIS PORTELLI (KI 412483M)

**VS**

## OPERATIONAL TECHNOLOGY SERVICES LIMITED (C62127)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni permezz ta’ rikors ta’ Chloris Portelli datat tlieta (3) ta’ Novembru 2021 u risposta tas-soċjeta’ Operational Technology Services Limited datata għaxra (10) ta’ Novembru 2021;

**Preliminari**

2. B’rikors preżentat fit-tlieta (3) ta’ Novembru 2021, ir-rikorrenti Chloris Portelli, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, talbet lil din il-Qorti sabiex, permezz tal-ħruġ tal-mandat t’inibizzjoni, iżżomm lis-soċjeta’ intimata milli

tkeċċiha, jew titterminalha l-impjieg, jew bi kwalunkwe mod tikkawżalha li ssofri xi detriment jew preġudizzju ieħor minħabba l-mertu tar-rikors tagħha jew kwalsiasi raġuni relatata miegħu, jew tieħu xi passi li jistgħu iċaħħduha mir-remunerazzjoni tagħha, jew tbiddlilha b'mod unilaterali l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha b'mod diskriminatorju u/jew tittrattaha differenti minn żewġ kollegi oħra msemmiha fl-istess rikors;

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar it-tlieta (3) ta' Novembru 2021 stess, wara li rat l-artikolu 875(2) tal-Kap 12, laqgħet it-talba provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. Permezz ta' risposta preżentata fl-għaxra (10) ta' Novembru 2021, is-soċjeta' intimata opponiet għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern, u dan għal diversi raġunijiet;

5. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Novembru 2021;

**Fatti tal-Każ**

6. Jirriżulta mir-rikors odjern illi r-rikorrenti ilha impjegata bħala Financial Controller mas-soċjeta' intimata sa mit-tlieta (3) ta' Mejju 2016, u dan skont il-kuntratt t'impjieg datat wieħed u għoxrin (21) t'April 2016 anness mar-rikors bħala **Dok C**;

7. Permezz ta' e-mail datata sbatax (17) t'Awwissu 2021 (**Dok D** anness mar-rikors), ir-rikorrenti ġiet informata mis-CFO ta' CC Media Group illi s-soċjeta' intimata kienet ser tiġi stralċjata, u, konsegwentement, ir-rikorrenti kienet ser tiġi reża *redundant*. Fost oħrajn, hija ġiet informata f'din l-*e-mail* illi kienet mistennija tibqa' tirrapporta għax-xogħol sat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2022, u li, sussegwentement, kellu jibda perjodu ta' *notice* ta' tnax-il ġimgħa illi tiegħu hija kienet ser titħallas;

8. Dwar dak premess, jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet; iżda l-kumplament tal-fatti esposti mir-rikorrenti jidher illi qegħdin jiġu kontestati mis-soċjeta' intimata;

9. Fuq naħa waħda, ir-rikorrenti tallega fir-rikors tagħha illi tnejn mill-kollegi tagħha kienu ngħataw l-opportunita' illi jiġu trasferiti fil-kotba tas-soċjeta' CC Media Network Limited, illi, skont ir-rikorrenti, tifforma parti minn CC Media Group (bħalma ssostni r-rikorrenti illi tifforma parti mill-istess grupp ta' kumpaniji s-soċjeta' intimata), u hija soċjeta' illi magħha kellha *service agreement* is-soċjeta' intimata. Madanakollu, ir-rikorrenti tallega illi hija ma ngħatatx l-istess opportunita', b'dana illi hija sejra titlef xogħolha bi preġudizzju serju għaliha u għal familtha;

10. Mill-banda l-oħra, is-soċjeta' intimata ssostni illi s-soċjeta' CC Media Network Limited hija soċjeta' rreġistrata ġewwa Ġibilta', u li mhix fl-istess grupp ta' kumpaniji mas-soċjeta' intimata. Hija tispjega illi hija kienet toffri biss servizz lis-soċjeta' CC Media Network Limited. Is-soċjeta' intimata tgħid illi s-soċjeta' CC Media Network Limited offriet ukoll lir-rikorrenti l-possibilta' illi tirriloka magħha ġewwa l-Ġibilta', b'dana illi ma titlifx l-impjieg tagħha, iżda l-offerta tagħha ġiet rifjutata.

**It-Talba tar-Rikorrenti**

11. Ir-rikorrenti Chloris Portelli qiegħda tikkontendi illi l-aġir tas-soċjeta' intimata in kwantu l-kollegi tagħha ngħataw opportunitajiet illi hija ma ngħatatx, jammonta għal aġir diskriminatorju fil-konfront tagħha *ai termini* tal-artikolu 26 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġi sussidjarja 452.95, kif ukoll għal ksur tal-artikolu 38 tal-Kap 452 u tal-liġi sussidjarja 452.85 illi tirrigwarda trasferiment tan-negozju. Għaldaqstant, fil-każ illi s-soċjeta' intimata titħalla tittermina l-impjieg tar-rikorrenti, ir-rikorrenti sejra titlef xogħolha darba għal dejjem mingħajr ma jkollha rimedju effettiv u adegwat. Ir-rikorrenti għalhekk qiegħda titlob lil din il-Qorti toħroġ mandat t'inibizzjoni fil-konfront tas-soċjeta' intimata illi permezz tiegħu hija tinżamm milli tkeċċi

jew tittermina l-impjieg, jew bi kwalunkwe mod tikkawża lir-rikorrenti li ssofri xi detriment jew preġudizzju ieħor minħabba l-mertu ta' dan ir-rikors jew kwalsiasi raġuni relatata miegħu, jew illi tieħu xi passi li jistgħu jċaħħdu lir-rikorrenti mir-remunerazzjoni tagħha, jew tibdel b'mod unilaterali l-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-rikorrenti b'mod diskriminatorju u/jew tittratta lir-rikorrenti b'mod differenti mill-kollegi tagħha;

**Ir-Risposta tas-Soċjeta' Intimata**

12. Is-soċjeta' intimata qiegħda topponi għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern għal diversi raġunijiet, fosthom illi:

(a) Ma jeżisti l-ebda preġudizzju irrimedjabbli illi r-rikorrenti tista' ssofri;

(b) Jekk ir-rikorrenti għandha xi aggravju dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tagħha, dan l-aggravju għandu jiġi mressaq quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex jagħti r-rimedji neċessarji ai termini tal-artikoli 75 *et seq* tal-Kap 452;

(c) Ir-rikorrenti diġa ġiet dikjarata *redundant*, u għaldaqstant il-mandat odjern huwa intempestiv għaliex ir-rikorrenti qed tistaqsi lil din il-Qorti sabiex twaqqaf xi ħaġa illi diġa' seħħet;

(d) L-għan tal-mandat odjern jidher illi huwa sabiex is-soċjeta' intimata toffri xi forma ta' *remote-working* lir-rikorrenti, iżda l-mandat huwa għodda sabiex twaqqaf lil xi ħadd milli jagħmel xi ħaġa, u mhux sabiex iġġiegħel lil xi ħadd jagħmel xi ħaġa;

(e) It-talba tar-rikorrenti hija vaga, u r-rikorrenti tonqos milli turi x'detriment jew preġudizzju hija ser issofri minħabba d-deċiżjoni leġittima dwar l-operat tas-soċjeta' intimata li tagħlaq l-operat tagħha ġewwa Malta.

**Il-Qorti**

13. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati; u

14. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Novembru 2021;

15. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

16. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

17. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

    a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrent għandu xi jedd *prima facie*;

    b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qed jippretendi illi għandu;

    c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

18. F’dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[1]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta’ diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher ‘prima facie’, jiġifieri mal-ewwel daqqa t’għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f’dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m’għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta’, disaġju jew tħassib.*

19. L-istess, iżda f’aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[2]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta’ inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li “jidher” (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t’għajn li għandu raġun. Iġifieri b’mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b’mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta’, u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta’ kbira li tintlaqa’. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta’ din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-*

[1] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta’ Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

[2] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim’Awla), 12 ta’ Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

*smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

20. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[3]:

*Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

21. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mill-intimat hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

22. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

[3] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

*Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[4]

23. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkun ser isofri r-rikorrent permezz tal-att illi jkun qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **irrimedjabbli** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[5], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

24. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[6]:

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-*

---

[4] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

[5] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca

[6] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

*Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "**necessary**".*

*Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

25. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

*L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[7]

26. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża.

## A. <u>L-Ewwel Rekwiżit: Għandu jirriżulta illi r-Rikorrenti għandha jedd *prima facie*</u>

[7] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

27. Ir-rikorrenti qiegħda tibbaża r-rikors odjern fuq il-jedd tagħha illi tingħata opportunitajiet bħalma allegatament ngħataw tnejn mill-kollegi tagħha, u dan wara illi s-soċjeta' intimata sejra tiġi stralċjata u n-negozju tagħha trasferit lejn Ġibilta';

28. Min-naħa l-oħra, is-soċjeta' intimata qiegħda ssostni illi hija ma tifformax parti mill-istess grupp ta' kumpaniji tas-soċjeta' CC Media Network Limited, u li hija CC Media Network Limited illi ser tkompli l-operat tagħha ġewwa Ġibilta'. In oltre, s-soċjeta' intimata tikkontendi wkoll illi CC Media Network Limited offriet lir-rikorrenti l-istess xogħol jekk tirriloka ġewwa Ġibilta' iżda hi m'aċċettatux, filwaqt illi ssostni illi Ġibilta' mhix membru fl-Unjoni Ewropea u għaldaqstant ċertu regolamenti dwar il-ħarsien tal-impjieg fit-trasferiment tan-negozju ma japplikawx;

29. Il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

   a. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda in-ness o meno bejn is-soċjeta' intimata u s-soċjeta' CC Media Network Limited, il-Qorti mhix sejra tidħol fil-mertu ta' min mill-partijiet għandu raġun rigward ir-relazzjoni bejn iż-żewġ kumpaniji, iżda tinnota biss illi fid-dokumenti kollha preżentati mir-rikorrenti mar-rikors tagħha illi juru korrespondenza bejn is-CEO ta' CC Media Group u r-rikorrenti, l-indirizz tal-*e-mail* huwa indikat bħala *"@ccmedianetwork.com",* u dan kemm tar-rikorrenti stess (illi teknikament, skont **Dok C**, hija impjegata mas-soċjeta' intimata), kif ukoll ta' Paul Billett, bħala CFO ta' CC Media Group. In oltre, l-*e-mail signature* tar-rikorrenti huwa indikat ukoll bħala *"Group Financial Controller | CC Media Group"*. Għalhekk, mad-daqqa t'għajn, jidher illi tissussisti xi forma ta' relazzjoni bejn is-soċjeta' intimata, il-grupp ta' kumpaniji CC Media Group, u s-soċjeta' CC Media Network Limited illi tmur oltre *service agreement*, u dan kuntrarjament għal dak sostnut mis-soċjeta' intimata fir-risposta tagħha u fit-trattazzjoni tagħha tal-mandat odjern;

b. Fit-tieni lok, il-Qorti tinnota illi **Dok E** anness mar-rikors jindika illi kollega tar-rikorrenti ngħata *"deal for moving to Gib[raltar]"*, u li *"CCMN will be paying for his accommodation and the school fees for his children"*, filwaqt illi **Dok K** anness mar-rikors jindika illi kollega ieħor, *"will stay on the OTS payroll until 31 December. From 1 January he'll have a contractor agreement with CCMN"*. Jekk hux minnu jew le illi r-rikorrenti ngħatat l-istess opportunita', is-soċjeta' intimata ma ġabet l-ebda prova, u, għaldaqstant, dak illi qiegħda tirriskontra l-Qorti hija biss sitwazzjoni fejn, ***prima facie***, jidher illi żewġ kollegi tar-rikorrenti ngħataw il-possibilta' illi jibqgħu mpjegati saħansitra anke wara t-trasferiment tan-negozju, filwaqt illi r-rikorrenti ma ngħatatx l-istess possibilta';

c. Fit-tielet lok, **Dok I** anness mar-rikors jispjega, *"The group has now relocated its finance team to its office in Gibraltar"*. Għalkemm huwa minnu illi dan id-dokument ma jagħmilx referenza għas-soċjeta' illi qiegħda tfittex illi timpjega Financial Controller, il-validita' ta' dan id-dokument ma ġiex kontestat mis-soċjeta' intimata, u għaldaqstant il-Qorti tasal tiddeduċi illi effettivament qiegħed jirreferi preċiżament għall-impjieg illi preżentement għandha r-rikorrenti;

d. Fir-raba' lok, l-argument miġjub mis-soċjeta' intimata illi t-terminazzjoni ġia ġiet deċiża, ma jsibx konfort f'dak illi jirriżulta mill-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-artikolu 36(5), il-perjodu ta' *notice* issir referenza għalih bħala *"avviż tat-temm ta' impjieg"*, u huwa għalhekk ismu miegħu: l-ewwel ġurnata tal-perjodu ta' *notice* għandha sservi bħala l-ewwel ġurnata illi minnha jibda jiddekorri ż-żmien sat-tmiem effettiv tal-impjieg. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti ġiet informata b'mod ċar illi l-perjodu ta' *notice* ser jibda jiddekorri mit-28 ta' Frar 2022; għaldaqstant, effettivament, sat-28 ta' Frar 2022, ir-rikorrenti għandha tibqa' tiġi kkonsidrata għal kull effetti tal-liġi bħala impjegata tas-soċjeta' intimata;

30. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 38 tal-Kap 452 u r-Regolamenti dwar Ħarsien tal-Impjiegi fit-Trasferiment ta' Negozju (LS 452.85) isibu applikabilita' għall-ilment tar-rikorrenti. Dan stante illi jirriżulta *prima facie* illi n-negozju tas-soċjeta' intimata sejjer jiġi trasferit lil CC Media Network Limited f'Ġibilta', bl-implikazzjonijiet kollha illi tali trasferiment iġib miegħu, inkluż ir-responsabilitajiet tas-soċjeta' intimata lejn l-impjegati tagħha;

31. F'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tat-Transfer of Undertakings (Protection of Employment) Regulations (TUPE) tal-Unjoni Ewropea għal Ġibilta', il-Qorti tinnota illi, hekk kif tindika r-rikorrenti fin-nota ta' referenzi tagħha tal-ħmistax (15) ta' Novembru 2021, bħala Regolamenti illi daħlu fil-liġi domestika tar-Renju Unit qabel il-31 ta' Jannar 2020, dawn ir-Regolamenti għandhom applikazzjoni saħansitra anke wara din id-data[8], b'dana illi għadhom applikabbli għar-Renju Unit (u, sussegwentement, għal Ġibilta'), minkejja illi r-Renju Unit m'għadhiex Membru tal-Unjoni Ewropea;

32. In konsiderazzjoni tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrenti rnexxielha ġġib prova illi hija għandha, mad-daqqa t'għajn, jeddijiet x'tikkawtela ai termini tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-Regolamenti dwar Ħarsien tal-Impjiegi fit-Trasferiment ta' Negozju (LS 452.85), u tar-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjieg (LS 452.95), u dan stante illi: (a) is-soċjeta' intimata sejra tittrasferixxi n-negozju tagħha lil soċjeta' oħra f'Ġibilta'; (b) ir-rikorrenti ġabet prova illi impjegati oħra ngħataw il-possibilta' illi jibqgħu impjegati saħansitra anke wara tali trasferiment, filwaqt illi hija ġiet informata illi l-impjieg tagħha kien ser jiġi terminat; u (c) ir-regolamenti TUPE japplikaw għal Ġibilta' minkejja illi r-Renju Unit m'għadhiex membru tal-Unjoni Ewropea;

33. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel rekwiżit **ġie sodisfaċentement pruvat**;

---

[8] Vide Art 2 u 3 tal-European Union (Withdrawal) Act 2018

**B. <u>It-Tieni Rekwiżit: Il-Mandat għandu jkun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-Rikorrenti</u>**

34. Il-Qorti tinnota illi fil-każ illi l-mandat ma jintlaqax, il-perjodu ta’ *notice* tar-rikorrenti sejjer jibda jiddekorri mit-28 ta’ Frar 2022. Wara din id-data, ir-rikorrenti titlef darba għal dejjem il-jeddijiet illi hija tixtieq tikkawtela bil-mandat odjern, kemm peress illi l-posizzjoni tagħha mhix waħda illi tista’ titħalla vojta għal żmien indefinit, kif ukoll minħabba l-fatt illi l-ebda azzjoni oħra illi hija tista’ tieħu dwar il-mertu tal-ilment tagħha mhi ser toffrilha garanzija illi l-impjieg tagħha jibqa’ disponibbli għaliha sakemm jiġu deċiżi l-vertenzi ta’ bejn il-partijiet fil-mertu;

35. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti hija tal-fehma illi **<u>jissussisti wkoll it-tieni rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat odjern</u>**;

**C. <u>It-Tielet Rekwiżit: Il-Preġudizzju illi jista’ jiġi kkawżat lir-Rikorrenti fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat, huwa wieħed irrimedjabbli</u>**

36. Hekk kif tajjeb targumenta r-rikorrenti fir-rikors tagħha, l-Artikolu 81 tal-Kap 452 jagħmilha ċara illi min ikun impjegat f’kariga ammnistrattiva jew eżekuttiva li teħtieġ fiduċja speċjali fil-persuna tad-detentur ta’ dik il-kariga jew fil-ħila tiegħu li jaqdi d-dmirijiet tagħha, it-Tribunal m’għandux is-setgħa li jordna li min jagħmel l-ilment jerġa’ jiġi impjegat. Għalhekk isegwi illi anke jekk għall-grazzja tal-argument ir-rikorrenti tipproċedi b’azzjoni quddiem it-Tribunal Industrijali, fl-eventwalita’ illi tingħata raġun f’kawża appożita, hija lanqas ikollha l-possibilta’ illi tieħu l-impjieg tagħha lura, sakemm tali impjieg ma jiġix salvagwardjat minn qabel. L-unika  rimedju illi jkollha r-rikorrenti f’każ ta’ ġudizzju fil-mertu favur tagħha, fil-każ illi ma jintlaqax il-mandat odjern, huwa biss rimedju pekunjarju, illi, hekk kif ġie stabbilit f’ġurisprudenza suċitata, ma jikkostitwixxix “rimedju adegwat” għall-fini ta’ mandat t’inibizzjoni;

37. Finalment, il-Qorti hija tal-fehma illi l-kundizzjonijiet tal-impjieg illi minnhom tgawdi r-rikorrenti mhumiex kundizzjonijiet illi ser issibhom f'impjieg ieħor f'tebqa t'għajn, u għalhekk hija konvinta illi l-preġudizzju illi ssofri r-rikorrenti fil-każ illi dan il-mandat ma jiġix akkordat, huwa wieħed irrimedjabbli;

38. Għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi **jissussisti wkoll it-tielet rekwiżit**.

**Decide**

39. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tikkonferma** d-digriet tagħha tat-tlieta (3) ta' Novembru 2021;

ii. **Tilqa'** t-talba kif dedotta għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tas-soċjeta' intimata.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa, sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**